MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 16/2013

**Raymond Cardona**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru 2013 fejn l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"L-Arbitru*

*Ra l-applikazzjoni tal-appellant tat-12 ta' Novembru 2012 għall-Pensjoni Kontributorja (Invalidità)*

*Ra d-deċiżjoni tal-Bord Mediku tal-11 ta' Frar 2013.*

*Ra d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Frar 2013 fejn it-talba tal-appellant ġiet miċħuda.*

*Ra l-ittra tal-appell tat-12 ta' Mejju 2013 u kif ukoll iċ-ċertifikati mediċi eżebiti mill-istess appellant.*

*Sema lill-appellant waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2013.*

*Ħa in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-espert mediku preżenti għas-seduta.*

***Ikkunsidra***

*Illi l-appellant li għandu sittin sena xehed illi huwa ħadem l-aħħar bħala electrician u waqaf f' Settembru 2012 minħabba s-sintomi tad-dipressjoni. L-appellant xehed illi huwa beda jmur għall-kura għand il-Psikjatra Dr Ether Felice, wara li spiċċa mix-xogħol pero jgħid illi kien diġa jieħu l-kura għand it-tabiba kuranti tiegħu għal madwar erba xhur.*

*Illi jingħad illi ai termini tal-'Guide to the Tables for the assessment of work related impairment for an invalidity pension', maħruġ fis-sena 2007, jirriżulta illi sabiex marda jew kondizzjoni medika jew mentali tiġi meqjusa bħala waħda permanenti l-appellant irid ikun taħt kura għal sena qabel id-data tal-applikazzjoni. Fil-każ odjern l-appellant beda l-kura madwar Ġunju 2012 ossija sitt xhur qabel ma ssottometta l-*

*applikazzjoni odjerna u għalhekk il-kondizzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkonsidrata bħala waħda permanenti.*

*Illi għalhekk mix-xhieda tal-appellant u kif ukoll mill-atti ma jirriżultax sodisfaċentament ippruvat illi l-appellant jbati minn mard serju, gravi u permanenti li jinibih milli jaħdem jekk kif rikjest mill-Artikolu 26 ( 1) (b) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija l-appell qieħged jiġi miċħud."*

Bl-appell tiegħu l-appellant Raymond Cardona jikkontesta d-deċiżjoni tal-Arbitru illi ċaħdet it-talba tiegħu għall-Pensjoni Kontributorja (Invalidità), bl-argument illi hija inġusta.

L-Arbitru kellha quddiemha kwestjoni dwar jekk id-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali, li biha ma kienx laqa' t-talba tal-appellanti ghall-Pensjoni kontributorja tal-invalidata kenitx hekk gustifikata billi l-appellanti ma kienx jissodisfa l-kriterji dettati mill-artikolu 26(1)(a) tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali.

L-Arbitru iddeċidiet illi: "***mix-xhieda tal-appellanti u kif ukoll mill-atti ma jirriżultax sodisfaċentament ippruvat illi l-appellant ibati minn mard serju gravi u permanenti li jinibih milli jaħdem hekk kif rikjest mill-artikolu 26(1)(b) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta".***

Il-fatti ta' dan il-każ huma s-segwenti: L-appellanti għandu s-sengħa ta' *electrician* u kien impjegat ma' Pantalesco Limited. F'Settembru 2012 huwa waqaf jaħdem u dana minhabba fl-istat ta' deterjorazzjoni severa fis-saħħa mentali tiegħu. Dan sehh kawża ta' trawma minhabba sensiela ta' mard fil-

familja tiegħu. L-appellanti ippreżenta żewġ ċertifikati mediċi tal-psikjatra Dr Ether Felice illi jattestaw dan.

Illi d-disposizzjoni tal-ligi li tolqot il-kwistjoni devoluta ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa l-**Artikolu 26(1)** tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jgħid hekk:

***(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna għandha tkun intitolata għal Pensjoni għal Invalidità jew għal Pensjoni Miżjuda għal Invalidità jew għal Pensjoni Minima Nazzjonali skont l-artikolu 50 jew għal Pensjoni Minima Nazzjonali Garantita skont l-artikolu 50A, kif ikun il-każ, b'waħda mir-rati speċifikati fit-Tnax-il Skeda jekk:***

***(a) dik il-persuna tkun inkapaċi, skont dan l-Att, għal impjieg full-time jew impjieg part-time regolari jew li taħdem għaliha nnifisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika jew mentali (minbarra marda mentali ħafifa jew xi disturb) għal mhux inqas minn sitt xhur li jiġu minnufih qabel it-talba tagħha jew meta dik il-persuna m'hix intitolata għal benefiċċju li jitħallas skont l-artikolu 18, għal dak il-perjodu iqsar li jiġi minnufih qabel dik it-talba skont ma d-Direttur jista' jistabbilixxi; u***

***(b) l-inkapaċità tagħha kif imsemmi hawn qabel titqies mid-Direttur, li jaġixxi fuq il-parir ta' persuna waħda jew aktar li jkollhom warrant li jeżerċitaw il-professjoni medika u li jkunu maħturin mill-Ministru għall-fini li jagħtu parir fuq każijiet bħal dawk skont l-artikolu 106, li tkun ta' natura permanenti, jew, jekk il-permanenza tagħha ma tistax tiġi stabbilita definittivament, titqies mid-Direttur wara konsultazzjoni kif provdut fl-artikolu 106, li tipprojbixxi lil dik il-persuna milli jkollha***

> ***impjieg full-time jew impjieg part-time regolari jew li taħdem għaliha nnifisha għal mhux inqas minn sena mid-data tat-talba għal dik il-pensjoni u dik il-persuna tkun intitolata biss li tirċievi pensjoni taħt dan l-artikolu għal dak l-għadd ta' snin skont ma d-Direttur jista' jistabbilixxi; u Kap. 343.***

Dwar dina id-disposizzjoni tal-ligi inghad minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta:

***Kif taraha din il-Qorti fuq l-interpretazzjoni taghha l-proposizzjoni legislattiva bl-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 318 ghandha titfisser fis-sens illi d-diversi subparagrafi tieghu, konkatenati flimkien, huma miranti biex joffru assistenza ekonomika-socjali lil persuni, sija impjegati subordinati jew self-employed, minhabba inkapacita` tali li timpedixxi lil dik il-persuna milli tkompli fid-dinja tax-xoghol, sija attwali jew potenzjali.*** (Appell Civili Numru. 14/2008, Georgina Cilia vs Direttur tas-Sigurta` Socjali tat-13 ta' Marzu, 2009)

Illi l-artikolu 26(1)(a) ghalhekk jipprovdi l-ghoti ta' pensjoni qabel iz-zmien tal-irtirar meta jkun gie stabbilit illi persuna hija affetta minn marda serja jew gravi, kemm fizika kif ukoll mentali, tali illi tirrendieha inkapaci ghax-xoghol mill-inqas ghal sitt xhur precedenti l-applikazzjoni taghha. Is-subartikolu (1)(b) tal-artikolu 26 imbaghad jikkwalifika il-metodu ta' kif ghandha tigi stabbilita in-natura tal-marda u cioe' jekk hijiex tali li tintitola lill-kontribwent ghall-pensjoni ta'l-invalidita'. Il-ligi tirrikjedi allura illi tali marda trid tkun giet iccertifikata minn tobba, li jaghtu parir lid-Direttur ghaldaqstant, illi hija ta' natura permanenti u fin-nuqqas li dik il-permanenza tista' tigi stabbilita b'mod definittiv, illi l-marda tkun tali illi tirrendi lill-beneficcjarju inkapaci li jahdem ghal mhux inqas minn sena mid-data meta issir l-applikazzjoni.

Dwar l-interpretazzjoni li trid tigi akkordata lil dan l-Artikolu 26(1)(b) l-insenjament tal-qrati taghna kien fis-sens illi:

***Dak li l-ligi u senjatament l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 318 jesigi sabiex applikant ikollu dritt ghal tali beneficcju huwa li huwa ikun qed isofri jew minn inkapacita' permanenti jew jekk din l-inkapacita' permanenti ma tkunx tista' tigi stabbilita definittivament, titqies mid-direttur, li tipprojibixxi dik il-persuna milli jkollha mpjieg part time jew full time ghal mhux inqas minn sena mid-data tat-talba ghal pensjoni.*** (Appell Civili Numru. 1/2012 Paul Cassar vs Direttur tas-Sigurta' Socjali deciza 15 ta' Novembru, 2012).

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi l-appellanti waqaf jaħdem f'Settembru tas-sena 2012. Sussegwentament huwa applika għall-pensjoni tal-Invalidita f'Novembru tal-2012, jiġifieri xahrejn wara li kien wieqaf mix-xogħol. Jikkontendi l-appellanti, izda li ghalkemm waqaf mix-xoghol f'Settembru 2012, madanakollu kien ilu jircevi il-kura minn ghand il-psikjatra kuranti tieghu ghal erba xhur qabel ma waqaf mix-xoghol. Illi d-Direttur fid-decizjoni tieghu cahad it-talba ta'l-appellanti, izda mhux ghaliex din saret prematurament (billi iz-zmien ta' sitt xhur moghti bil-ligi, jew xi perijodu aqsar stabbilit mid-Direttur, minn meta l-applikant kien waqaf jahdem kien ghadu ma idekorriex), izda ghaliex gie ritenut illi l-marda li kien afflitt minnha l-applikant ma kenitx wahda serja kif stabbilit fl-artikolu 26(1)(a).

Illi l-Arbitru fid-decizjoni taghha, minhabba l-fatt illi l-appellanti kien qieghed jikkontendi illi l-marda li kien afflitt minnha kienet qed tirrendieh inkapaci ghax-xoghol, ghalhekk dahhlet biex ezaminat in-natura tal-kundizzjoni medika ta'l-appellanti u dana fid-dawl ta' dak ipprovdut fl-artikolu 26(1)(b) ta'l-Att u waslet ghal konkluzjoni taghha billi imxiet, izda, mhux fuq dak li tiddisponi il-ligi, izda fuq il-***Guide to the Tables for the Assessment of work-related***

***Impairment for an Invalidity Pension,*** li *del resto* jidher li huma linji gwida li jimxi fuqhom il-Bord Mediku li jassisti d-direttur fid-decizjoni tieghu. Dak li huwa erronju izda fid-decizjoni ta'l-Arbitru huwa illi hija ghaddiet biex imxiet fuq dawn il-linji gwida u mhux fuq dak li jipprovdi s-subartikolu(1)(b), li jiddisponi car u tond illi l-permanenza tal-marda, meta din ma tkunx tista' tigi stabbilita definittivament, bhal kif gara fil-kaz in dizamina, ghandha titqies illi hija tali jekk l-persuna tkun inkapaci li tahdem ghall-perijodu ta' mill-inqas sena **mid-data** meta ssir it-talba tieghu ghal pensjoni, u mhux ghal perijodu ta' sena qabel id-data tal-applikazzjoni. Illi imbaghad wara dina l-motivazzjoni ghal kollox erronja, l-Arbitru tghaddi ghar-rigett ta'l-appell ta'l-applikant abbazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 26(1)(b) tal-Att, li jghid mod iehor minn dak stabbilit fil-korp tad-decizjoni. Jikkonsegwi allura illi din l-interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi, tirrendi id-decizjoni moghtija mill-Arbitru nulla u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi l-aggravvju sollevat mill-appellanti u dana ghar-rigward ta'l-applikazzjoni ta'l-artikolu 26(1)(b) tal-Att jisthoqq akkoljiment.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-appell interpost mill-appellanti, biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'hekk thassar u tannulla d-decizjoni tal-Arbitru ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tirrinvija l-atti processwali kollha sabiex l-istess talba tal-appellanti tigi trattata mill-gdid u deciza skont dak hawn deciz u skont il-ligi.

L-ispejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------